

Emenda 37

Helène Fritzon, Agnes Jongerius, Klára Dobrev
f'isem il-Grupp S&D

Rapport

A9-0124/2020

José Gusmão

Linji gwida dwar l-Impjiegi
(COM(2020)0070 – C9-0079/2020 – 2020/0030(NLE))

Proposta għal deċiżjoni**Premessa 7***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(7) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ffirmaw **proklamazzjoni interistituzzjonali għal Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** ⁽¹⁴⁾. Il-Pilastru jistabbilixxi għoxrin prinċipju u dritt biex jappoġġaw swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb, strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali. Il-prinċipji u d-drittijiet jagħtu direzzjoni lill-istrateġija tagħna **filwaqt li jiżguraw li t-tranżizzjonijiet** għan-newtralità tal-klima **u s-sostenibbiltà** ambjentali, **id-diġitalizzazzjoni u l-bidla demografika jkunu** soċjalment **ekwi** u **ġusti**. **Il-Pilastru jikkostitwixxi** qafas ta' referenza għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-impjiegi u soċjali tal-Istati Membri, **biex imexxi r-riformi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali u biex jirrikonċilja s-suq "soċjali" u s-"suq" fl-ekonomija moderna tal-lum, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ekonomija soċjali**.

(7) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ffirmaw **Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru** ⁽¹⁴⁾. Il-Pilastru jistabbilixxi għoxrin prinċipju u dritt biex jappoġġaw swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb, strukturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali. Il-prinċipji u d-drittijiet jagħtu direzzjoni lill-istrateġija tagħna **u jridu jitwettqu sabiex ikun żgur** li **t-tranżizzjoni** għan-newtralità tal-klima, **is-sostenibbiltà** ambjentali **u d-diġitalizzazzjoni tkun** soċjalment **ekwa** u **ġusta** u **tqis il-bidliet u l-isfidi demografiċi**. **Meta jitqies li l-Pilastru u l-prinċipji tiegħu jikkostitwixxu** qafas ta' referenza għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-impjiegi u soċjali tal-Istati Membri, **il-Linji gwida dwar l-Impjeg jistgħu jkunu għodda importanti għall-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri għal soċjetà u ekonomija aktar reżiljenti u inklużivi filwaqt li jippromwovu d-drittijiet tal-ħaddiema u jippruvaw jilhq u l-objettiv ta' konverġenza 'l fuq, sabiex ikomplu jiżviluppaw il-mudell soċjali Ewropew**.

¹⁴ ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

¹⁴ ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

3.7.2020

A9-0124/38

Emenda 38

Heléne Fritzon, Agnes Jongerius, Klára Dobrev
fisem il-Grupp S&D

Rapport

A9-0124/2020

José Gusmão

Linji gwida dwar l-Impjiegi
(COM(2020)0070 – C9-0079/2020 – 2020/0030(NLE))

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Linja gwida 7 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex jipprovdu protezzjoni soċjali għall-ħaddiema mobbli inklużi l-ħaddiema għal rashom li jaħdmu fi Stat Membru ieħor. Il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandha tirrifletti l-prinċipji tas-suq tax-xogħol Ewropew, filwaqt li tipprevedi protezzjoni soċjali sostenibbli li tkun universali u transfruntiera, tevita kwalunkwe diskrepanza fil-protezzjoni u, finalment, tiżgura forza tax-xogħol produttiva.

Or. en